MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 273/2001/1

**AON Malta Limited**

**vs**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 16 ta' Frar 2001 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef tmienja u sittin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm4,068.89) kwantu ghal elf u lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,001.72) rapprezentanti bilanc ta' kummissjoni ("brokerage fee") dovut ghal servizzi rezi biex inhargu diversi poloz ta' assikurazzjoni favur is-socjeta` konvenuta u kwantu ghal

tmien mija u sebgha u sittin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm867.17) "brokerage fee” dwar servizzi rezi fuq polza ta' assikurazzjoni medika ghall-impjegati tas-socjeta` konvenuta u kwantu ghal elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) dovuti bhala "remarketing fees", inkluzi spejjez inkorsi, fuq inkarigu moghti mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici sabiex tinstab l-ahjar kopertura ta' diversi poloz ta' assikurazzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata biex thallas din is-somma izda baqghet inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti *nomine* ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef tmienja u sittin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm4,068.89) dovuti kif hawn fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta gew rezi l-imsemmija servizzi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru 2000 kontra l-konvenuti *nomine* li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-22 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Golden Shepherd Group Ltd datata 16 ta’ Marzu 2001 (fol 8) fejn esponew: -

1. Illi t-tabiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi m’hemm ebda ammont dovut mis-socjeta` konvenuta, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament matul il-kors tal-kawza.

2. Salv Eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` AON Malta Limited datata 29 ta’ Dicembru 2005 (fol 188).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` The Golden Shepherd Group Ltd datata 10 ta' Marzu 2006 (fol 197).

Rat il-verabli tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tat-23 ta' Marzu 2006 fejn Dr. Lydia Zerafa ghall-kumpanija attrici ddikjarat li ma kellhiex xi zzid bi twegiba ghas-sottomissjonijiet tal-kumpanija konvenuta u l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2006; u l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' Mejju 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

B'din il-kawza, is-socjeta` attrici, kif spjegat fic-citazzjoni, qed tippretendi li s-socjeta` konvenuta thallasha diversi somom rapprezentanti hlas ta' *brokerage* kif ukoll *remarketing fee* jew *commission* u *cioe*`: -

- Lm1,001.72 (€2,333.38) bilanc ta' *brokerage fee* dovut fuq diversi poloz ta' assikurazzjoni mixtrija mis-socjeta` konvenuta;

- Lm867.17 (€2,019.96) *brokerage fee* dovut fuq polza ta' assikurazzjoni medika ghall-impjegati tas-socjeta` konvenuta;

- Lm2,200 (€5124.62) - *remarketing fee* nkluzi spejjez inkorsi fuq inkarigu mis-socjeta` konvenuta.

Min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta eccepiet li m'ghandha thallas xejn. Fir-rigward tal-*brokerage* fee eccepiet li s-socjeta` attrici ma gabet ebda prova sal-grad rikjest mil-ligi biex tispjega l-mod kif wasslet ghall-ammont mitlub u/jew il-kalkoli fuq liema dawn il-*brokerage* fees huma kkalkulati, u lanqas esibiet xi ftehim bejn il-kontendenti ghall-hlas ta' dawn il-*brokerage fees. Inoltre,* kien hemm arrangament ta' *'off setting'* bejn il-kontendenti b'effett ta' liema s-socjeta` konvenuta saldat kwalsiasi ammont li kellha taghti.

Fir-rigward tar-*remarketing fee* s-socjeta` konvenuta irribattiet li qatt ma kkuntrattat mas-socjeta` attrici biex taghmel xoghol ta' *remarketing* u wisq inqas dwar xi ammont li ghandu jithallas ghal dan l-ezercizzju.

**Provi Migbura**

Xehed **Tonio Briffa**[1] u spjega li l-prassi kienet li l-klijent ihallas il-*premium* lilhom bhala *brokers* u huma jaqtghu l-*commission biex b'hekk ihallsu* l-bilanc lill-*insurer.* Fil-kaz odjern peress li sar *set off* bejn l-*insurer* u l-klijent, is-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici ma thallsitx il-*premia* dovuti u b'hekk baqghet skoperta.

Riferibbilment ghall-*brokerage* ta' Lm1001.72, dan hu dovut ghall-*policies* varji li saru matul l-1999.

Il-*brokerage* ta' Lm867.17 hu dovut fuq *'Group Health Policy'* li nhareg fis-sena 1998 u bl-istess mod ma thallasx peress li l-*premium* ma thallasx.

Ix-xhud esebixxa *letter of appointment* ***(*DOK TB 1[2]*)*** datata it-2 ta' Dicembru 1997 fejn *The Golden Shepherd Group Ltd.* kitbet lil *Bain Hogg Malta Limited,* li sussegwentement giet akkwistata mis-socjeta` *AON Malta Ltd.,* u dan taht l-intestatura "*Golden Shepherd Group*

[1] Xhieda a *fol.*35 *et.seq.* tal-process.
[2] Esebita *a fol.* 16 tal-process.

*Limited, St.Philip's Hospital, Insurance Brokers Appointment.* L-ittra tghid:-

"*We hereby appoint Bain Hogg Malta Limited to act as our sole insurance Broker on all matters pertaining to the placement and handling of our insurance requirements regarding the above cover with immediate effect.”*

Riferibbilment ghal *remarketing fee* ta' Lm2,200*,* ix-xhud spjega li s-socjeta` konvenuta talbet estensjoni tal-poloz medici qabel ma dawn kellhom jiggeddu ghas-sena 1999 u dan sabiex is-socjeta` attrici tfittex l-ahjar offerti fuq is-suq. L-estensjoni inghatat, u l-*AON* ikkonduciet *marketing exercise* li jirrizulta minn diversi dokumenti esebiti in atti. Ghal dan l-ezercizzju l-kumpanija *AON* utilizzat almenu tlett impjegati. Hu esebixxa diversi dokumenti biex juri l-ezercizzju ta' *marketing* li ghamlu. In sostenn tal-pretensjonijiet attrici, ix-xhud esebixxa *fax* datata l-25 ta' Jannar 2005 indirizzata lilhom mis-socjeta` konvenuta **(DOK TB 6)**[3] fejn tistaqsi jekk kellhomx aktar offerti minn dawk li kienu ssottomettew, giet mitluba r-rizultat tal-*updated marketing exercise* li ntbaghtu mill-AON wara dan il-fax (**DOK TB 7)**[4].

Skont dan ix-xhud "*Arrangament fuq ir-'remarketing fees' ma kienx hemm. Ma setax ikun hemm ghaliex ma konniex nafu li ma konniex ser nibqghu nkarigati bhala brokers."*

Hu qal li ddedikaw hafna hin ghal dan ix-xoghol minhabba n-natura ta' riskju nvolut, izda s-socjeta` konvenuta ghamlet kuntratt direttament mas-socjeta` assikurattiva *Middle Sea Insurance* li kienet offriet l-ahjar kwotazzjoni.

Skont fax datat it-8 ta' Jannar 2000, **(DOK TB 8)**[5] Edmond Mugliette ghan-nom tas-socjeta` konvenuta ttermina l-appuntament tal-*AON* bhala l-*insurers* tas-socjeta` konvenuta u, *inoltre,* kiteb: “*As informed in our fax of the 25th January 2000, we had elected to approach the Middle Sea Insurance directly .... Your report indicates*

---

[3] Esebita *a fol.* 30 tal-process.
[4] Esebit *a fol. 31* tal-process.
[5] Esebit *a fol.*34 tal-process.

*that Middle Sea Insurance offered the best terms. Therefore we have no alternative but to choose them as our insurers."*

Xehed **Joe Cutajar** Managing Director tas-socjeta` attrici[6] **(fol 43)** li sostanzjalment ikkorrobora x-xhieda ta' Tonio Briffa. Qal li Dr Frank Portelli, ghas-socjeta` konvenuta, kien ta struzzjonijiet biex igibulu l-ahjar prezzijiet ta' *insurances* mis-suq kollu *"u verbalment taghna committment li jekk ingibulu l-ahjar insurance terms rigward il-prezz li jkun accettabbli ghalih hu kien ser ikompli jaghmel negozju maghhom."*

Spjega li l-ammont pretiz ta' Lm2,200 huma *commission* mhux *fees* - jirraprezenta d-dhul li kien jaghmlu mill-*premium placement* li gie kkwotat ghall-MSI bhala *commission.* Izda qal ukoll li *"Il-commission hu mahdum bi ftehim bejn il-broker u l-underwriter*."

Riferibbilment ghall-*brokerage* mitlub, dawn jirraprezentaw hlas ghall-*insurances* li l-*AON* pjazzat fin-1998 u 1999. Skont ix-xhud qatt ma kien hemm kontestazzjoni mill-klijent dwar dawn l-ammonti u l-*AON* kien ukoll ta *credit terms* ghall-pagament.

**DR. FRANK PORTELLI**, Chief Executive u Direttur tal-Isptar *St. Philips*, ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, xehed[7] li dahal fil-kariga ghall-habta ta' April 1999. L-assikurazzjoni tal-Isptar kienet ser taghlaq fil-bidu ta' Jannar 2000 u allura f'Dicembru ddecidew li jitolbu lis-socjetajiet assikurattivi sabiex jaghtuhom l-offerti taghhom. Fil-passat kien hemm *broker* wiehed, *l-AON*, li kienet tikkwota prezz minghajr kompetizzjoni.

Hu kellu laqgha ma' rapprezentanti tas-socjeta` attrici. Xehed li qal lil **Joe Cutajar** mill-bidu li "*mhux cert li ser jiehdu x-xoghol huma, u dan wiegeb biex 'itihom cans.' Hu qal li jekk igibilhom l-istess 'terms', li jgibilna haddiehor,*

---

[6] Xhieda *a fol.* 43 *et.seq.* tal-process.
[7] Xhieda *a fol.* 105 *et.seq.*tal-process.

*jew ahna stess, '<u>everything being equal</u>,' allura jahdem maghhom....Huma kienu one of the tenderers."*

Peress li kien iz-zmien tal-festi tal-Milied *l-AON* stess ippropona li jestendulhom il-policy ghal xahar.

Dwar *off setting,* spjega li John Gatt Shipping Ltd. kellu jhallashom flejjes fuq assikurazzjonijiet tal-pazjenti u huma ghamlu *set off* mieghu. Hu qal li b'hekk kollox dovut lil *AON* gie saldat.

Riferibbilment ghat-talba attrici ghal *remarketing* fee, qal li gab l-assikurazzjoni direttament mill-Middle Sea Insurance li kien l-ahjar peress li kien jinkludi riskji li ma kienux offruti mill-*AON* u, *di piu'*, kien irhas b'xi Lm5,000/6,000 mill-offerta li tawhom *AON*.

Esebixxa *statement* **(Dok. FPO 2)**[8] li, meta imqabbel ma' dokument iehor **(Dok. FPO 3)**[9] juri li l-prezzijiet tal-MSI kienu irhas sew minn dawk ikkwotati mill-*AON.*

Hu iccara li ma kien hemm ebda ftehim dwar xi *commission* li kellu jithallas lil *AON* rispettivament ghar-*remarketing exercise*. Anzi Joe Cutajar qallu li ma kienux ser izommulhom *commission.*[10]

Xehed ukoll **Edmond Mugliette**[11], *Financial Controller* tas-socjeta` konvenuta, li kkonferma li talbu estensjoni tal-*cover* u kkomunikaw mal-*AON* f'dan is-sens, kif ukoll biex ifittxu *insurances* ohrajn minhabba *cost cutting exercise*, u biex itejbu l-kwalita` tal-*cover*. Riedu jkunu precizi li jikkaverjaw dak li l-Isptar kien qed joffri xejn inqas u xejn izjed.

Hu xehed li "*waqt laqgha ma' zewg rapprezentanti tal-AON, infurmajnihom li kien hemm negozjati mal-MSI. Ir-reazzjoni tal-AON kienet normali.....Anke l-MSI kienu 'aware' li kienu qed jitkellmu mal-AON".* Ikkonferma wkoll

[8] Esebit *a fol.*113 tal-process (zewg faccati).
[9] Esebit *a fol.*114 tal-process (sitt faccati).
[10] Xhieda *a fol.*115 tal-process.
[11] Xhieda *a fol.*130 *et.seq.*tal-process.

li kien hemm *'accounting set off'* bejn AON u Golden Shepherd.

In **kontro-ezami,** xehed li sar paragun *'like with like'* mal-kondizzjonijiet offruti mill-*Middle Sea Insurance, quddiem* ir-rapprezentant tal-*AON. "Kienet 'open exercise'......Allura urejthom fiex kont wasalt mal-Middle Sea biex huma jadhmu fuq l-istess linji".* Is-socjeta` konvenuta riedet tkopri biss l-operazzjonijiet li jaghmel l-Isptar, cioe' - *"hospitality and provision of hospital services u mhux 'cover' ghall- professjoni medika."* Ghalhekk ma sarx *renewal* tal-*policies* ezistenti peress li l-Isptar ried ibiddel ir-riskji koperti. Kellhom kuntatti mhux biss mal-*AON* imma ma' *insurers* ohrajn. Cahad li nkarigaw huma lil *AON* imma "*kienu l-AON li offrewlhom li jtuhom 'quotation'. L-AON qatt ma wasslu ghal 'quotations' skont it-'terms' li kellhom bzonn, vicin imma mhux ghal dawk is-'specific' terms*."

## <u>IV. APPLIKAZZJONI GHALL-KAZ '*DE QUO*'</u>

**Ikkonsidrat** li ma hemm ebda kontestazzjoni li s-socjeta` konvenuta kienet debitrici lejn is-socjeta` attrici ghall-*brokerage fees* fil-passat*.* Din hija ammessa minn Dr. Frank Portelli *a fol.*109 tal-process. Hija *impliciter* ukoll fil-fatt li l-istess socjeta` konvenuta kienet taghmel '*off setting exercise'* bejn l-ammonti dovuti lil *AON* u dawk li kienu dovuti mill-*insurer* fuq assikurazzjoni ta' pazjenti li rcevew trattament fl-Isptar St. Philips.

Is-socjeta` konvenuta esebiet dokumenti annessi ma' **Dok FPO 1**[12] in sostenn tal-ammonti li kienu gew pacuti u li, skont dawn id-dokumenti, l-ahhar pagament sar fid-9 ta' Mejju 2000.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mis-socjeta` attrici.

Da parti taghha, din il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` attrici ma ssodisfatx il-piz tal-prova li tinkombi fuqha biex tispjega l-mod kif wasslet ghall-ammonti mitluba, u l-

[12] Esebit *a fol.*104 *et.seq.* tal-process.

kalkoli fuq liema dawn il-*fees* huma kkomputati. *Inoltre*, lanqas ma gabet ebda prova biex turi li dawn l-ammonti kienu ghadhom dovuti rispettivament ghall-*policies* partikolari. Wiehed jistenna li kellha ssir prova specifika ghall-ammonti mitluba, li jirreferu ghall- *policies* specifici, izda dan ma sarx. Is-socjeta` attrici sempliciment tistrieh fuq l-istqarrija ta' Joseph Cutajar li jghid li s-socjeta` konvenuta ma tikkontestax dawn l-ammonti. Fil-verita', is-socjeta` konvenuta tghid li m'ghandha thallas xejn lil *AON* kemm fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha kif ukoll *tramite* x-xhieda ta’ Dr. Frank Portelli.

**Tonio Briffa** ghal *AON* qal li kien jaf li kien hemm ftehim ta’ *off setting* bejn is-socjeta` konvenuta, cioe' l-klijent, u l-*insurer,* izda qal li xorta baqghu minghajr il-hlas ta' *brokerage fee*. Izda skont Edmond Mugliette, l-ammonti li kienu qed jigu pacuti mal-*insurer* kienu l-*gross premia* minghajr tnaqqis tal-*brokerage.*

Illi f'tali cirkostanzi, is-socjeta` konvenuta ghandha tinheles mill-obbligu taghha ghall-hlas gjaladarba s-socjeta` attrici kienet konsapevoli tal-ftehim tal-*off setting*, u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt tal-istess *AON* li jfittxu l-hlas tal-*brokerage* direttament minghand l-*insurer* li bbenefika mill- *off setting exercise.*

Illi tibqa' ghalhekk il-konsiderazzjoni tat-talba ghall-'*remarketing fees'* fl-ammont ta’ Lm2,200 imressqa mis-socjeta` attrici.

Illi hija ta’ importanza fl-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti ghas-soluzzjoni ta’ din il-pendenza li tikkonsidra l-isfond tan-negozjati li saru bejn il-kontendenti, u d-diskors li sehh bejniethom.

Is-socjeta` attrici, da parti taghha, tistrieh fuq l-appuntament taghha bhala *sole insurance broker* mis-socjeta` konvenuta fis-sena 1997[13]. Dan l-appuntament ma giex itterminat sakemm fil-28 ta' Jannar 2000 gew

[13] **Dok. TB1** esebit *a fol.* 16 tal-process.

infurmati b'*fax*[14] li "*your appointment as brokers has been terminated as from Monday 31st January 2000."*

F'April tas-sena precedenti, 1999, Dr. Frank Portelli assuma t-tmexxija tal-Isptar St. Philips u beda ezercizzju ta' revizjoni tal-assikurazzjoni mixtrija mill-Isptar, peress li ried kopertura li tindirizza biss l-operazzjonijiet li jaghmel l-Isptar, u xejn izjed. Dan kien *cost cutting exercise* imma ukoll, fi kliem Edmond Mugliette, ezercizzju ta' kwalita` fil-*cover* assikurattiv. B'hekk l-*AON* kellha taghmel *remarketing exercise* biex tottjeni l-ahjar offerti fuq is-suq lokali u anke esteru.

Filwaqt li l-*AON* isostnu li kienu nkarigati biex jaghmlu dan l-ezecizzju, li swiethom spejjez kif ukoll telf ta' *commission,* is-socjeta` konvenuta ssostni li l-involviment taghhom kien biss bhala parti minn *tendering exercise* u l-*AON* kienu mgharrfa li s-socjeta` konvenuta kienet qed tkellem lill-*brokers* u *insurers* ohra direttament.

Hija sinifikanti li l-appuntament tal-*AON* gie tterminat b'effett mill-ahhar ta' Jannar 2000, ghaliex sa dan il-perjodu, giet innegozjata estensjoni qasira tal-poloz ezistenti biex is-socjeta` konvenuta tirbah iz-zmien biex tirrinegozja l-kopertura assikurattiva taghha.

B'dan ma jfissirx li kien hemm ftehim u inkarigu a favur tal-*AON* fir-rigward tar-*remarketing* li seta' jorbot lis-socjeta` konvenuta. Tonio Briffa stess jammetti li "*Arrangament fuq ir-'remarketing fees' ma kienx hemm. Ma setax ikun hemm ghaliex ma konniex nafu* li ma konniex ser nibqghu nkarigati bhala *brokers*".

Tonio Briffa jghid ukoll li Dr. Portelli "*verbalment tana 'committment' li jekk ingibu l-ahjar insurance rigward prezz li jkun accettabbli jinkarigahom taht l-istess termini."* B'dan hu stess jikkonferma li kien jaf li qed jikkompeti ma' *brokers* u *insurers* ohrajn f'dan l-ezercizzju li gie kondott mis-socjeta` konvenuta, liema ezercizzju, Dr. Portelli sejjahlu bhala *tendering exercise.* Fil-fatt, huwa mistenni li

---

[14] **Dok. TB8** esebit *a fol.*34 tal-process

l-*AON* tkun interessata li zzomm lis-socjeta` konvenuta bhala klijent taghha u taghmel hilitha biex tirbah il-kuntratt.

Izda minn kliem Dr. Portelli, ikkorroborati anke minn Edmond Mugliette, id-diskors kien kemmxejn differenti fis-sens li *"mhux cert li ser jiehdu x-xoghol huma, u dan wiegeb biex 'itihom cans.' Hu qal li jekk igibilhom l-istess 'terms', li jgibilna haddiehor, jew ahna stess, everything being equal, allura jahdem maghhom."* B'hekk is-socjeta` attrici pprezentat r-rapport ta' kwotazzjonijiet *ben sapendo* li dawn kienu ser jitqabblu ma' kwotazzjonijiet ta' *insurers* u *brokers* ohrajn u ma kien hemm xejn cert.

Is-socjeta` konvenuta ressqet provi biex turi li kien hemm diskrepanza anke fil-prezz ikkwotat mis-socjeta` attrici meta kkomparat ma' dak moghti direttament mill-*Middle Sea Insurance*, peress li din offriet il-poloz bi prezzijiet sostanzjalment irhas. *Inoltre* Edmond Mugliette kkonferma li lanqas il-kundizzjonijiet bejn dak offrut mill-*AON* u dak li gabu mill-*MiddleSea Insurance* kienu l-istess. Ma kien hemm ebda obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta, li tidhol f'kuntratt ta' xiri ta' poloz minghand is-socjeta` attrici hlief on an "*all things being equal basis li jgibu l-ahjar kundizzjonijiet".*

Certament f'dawn ic-cirkostanzi, is-socjeta` attrici m'ghandha ebda bazi legali biex tippretendi li tithallas *brokerage* jew anke *commission* fuq kuntratti li gew konkjuzi bejn is-socjeta' konvenuta u socjeta assikurattivi direttament . *Inoltre , Aon* kienet taf li kienet qed tippartecipa f'*tendering process* li poggietha f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ma' assikuraturi ohrajn. B'hekk kienet *on notice* li l-pozizzjoni taghha bhala *sole insurance agent* kienet prekarja. Kif gustament osserva d-difensur tas-socjeta` konvenuta, mandat jista' jigi liberament terminat mill-mandanti minghajr ma jkollu jaghti ebda ragun. Fl-assenza ta' prova ta' xi ftehim mas-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta' kumpens ghall-ispejjez inkorsi f'dan il-process ta' *remarketing* jew ghal xi *commission* din il-Qorti ma tistax tilqa' it-talbiet attrici f'dan ir-rigward anke ghaliex ma jirrizultax li l-kuntratt li eventwalment sehh mal-MiddleSea Insurance plc gie konkluz minhabba xi

intervent da parti tas-socjeta` attrici. Jirrizulta anzi li kien l-effett ta' kuntatti u negozjati diretti bejn is-socjeta` konvenuta u l-MSI.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li s-socjeta` attrici naqqset milli tipprova l-bazi li fuqu wasslet ghall-ammont ta' Lm2,200 li qieghed jintalab bhala *remarketing* u wisq inqas ma ppruvat illi dan l-ammont jirraprezenta spejjez inkorsi minnha sabiex isir ir-*remarketing exercise*.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tichad** it-talbiet tas-socjeta` attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------